MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 590/2012

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li *in forza* tieghu wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fl-ewwel ta' Gunju tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997), u dan skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat "Dokument A".

Illi l-partijiet kellhom zewgt itfal, S B li twieled fil-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u N B li twieled

fl-erbgha (4) ta’ Mejju tas-sena elfejn u hamsa (2005) ilkoll minorenni (ara certifikati tat-twelid annessi u mmarkati “Dokumenti B” u “Dokument C”.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech mill-ghaxra (10) ta’ Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009) (Ara “Dokument D” anness).

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn erbgha (4) snin jghixu ta’ mhux mizzewgin , illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma’ persuni ohrajn (Affidavit tar-rikorrenti dwar dan, anness bhala (“Dokument E”).

Illi permezz ta’ klawsola numru erbgha (4) l-partijiet kienu rrinunzjaw definittivament u reciprokament ghad-dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin.

Illi l-manteniment ghall-minuri huwa regolat permezz ta’ klawsola numru sebgha (7) tal-istess kuntratt li taqra li r-ragel ghandu jhallas lill-mara is-somma ta’ erba` mija u sitta u sittin ewro (€466) fix-xahar ghall-manteniment tal-imsemmija uliedhom minuri, liema manteniment joghla kull sena skond l-indici tal-inflazzjoni hekk kif regolat fl-istess klawzola.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fl-ewwel (1) ta’ Gunju tas-sena elf disa’ mija sebgha u disghin (1997);

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghall daqsekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg  tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta ta' l-intimat li in forza taghha ippremetta :

Illi l-esponent ma jopponix ghat-talba tar-rikorrenti;

Illi fir-rikors promotur hemm referenza ghal Dokument E – dan id-dokument ma giex notifikat lill-esponent, li jirriserva li jwiegeb ghal dak kontenut fl-istess dokument jekk ikun il-kaz malli jigi mghoddi kopja tieghu;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Jannar, 2013;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Lulju tas-sena 2009 u ilhom aktar minn erba' (4) snin jghixu hajja ta' persuni mhux mizzewgin;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi l-partijiet kienu irrinunzjaw reciprokament mid-dritt illi jitolbu, jew jircievu manteniment minghand xulxin u illi l-intimat dejjem hallas il-manteniment ghall-ulied minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-

divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------